

**Il-Koperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-koperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari (2010/2071(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà bit-titolu 'Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar', adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha bit-titolu 'Nipprovdus-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel', approvat mill-Kunsill Ewropew tal-11-12 ta' Diċembru 2008,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, approvata mill-Kunsill Ewropew fil-25-26 ta' Marzu 2010,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK adottati fis-26 ta' April 2010,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-PESD u d-dikjarazzjoni bit-titolu "Għaxar Snin ta' PESD – Sfidi u Opportunitajiet ", adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2009,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar it-titjib tal-Politika Ewropea tas-Sigurtà u d-Difiża, adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2008, u d-dikjarazzjoni dwar it-tishiĥ tal-kapaċitajiet, adottata mill-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2008,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza adottati mill-Kunsill Ewropew f'Santa Maria de Feira fl-20 ta' Ġunju 2000 u f'Goteborg fis-16 ta' Ġunju 2001, il-Programm tal-UE għall-Prevenzjoni tal-Kunflitti Vjolenti adottat ukoll f'Goteborg fis-16 ta' Ġunju 2001, l-Objettiv Primarju Ċivili 2008, approvat mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2004, u l-Objettiv Primarju Ċivili 2010, approvat mill-Kunsill fid-19 ta' Novembru 2007,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza adottati mill-Kunsill Ewropew f'Helsinki fil-11 ta' Diċembru 1999 (Objettiv Primarju 2003) u l-Objettiv Primarju 2010, approvat mill-Kunsill fis-17 ta' Mejju 2004,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar it-tishiĥ tas-sigurtà kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (CBRN) fl-Unjoni Ewropea u bl-approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE CBRN,
- wara li kkunsidra d-dokument tal-Kunsill "L-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 kif irrinforzata mill-UNSCR 1820 fil-kuntest tal-PESD" tat-3 ta' Diċembru 2008, u d-dokument tal-Kunsill dwar "L-integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-PESD" tal-14 ta' Settembru 2006,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar it-terremot reċenti

f'Haiti, li titlob għat-twaqqif ta' Forza għall-Protezzjoni Ċivili tal-UE<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea fil-kuntest tal-ESDP<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0308/2010),

### ***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Ifakkar li l-UE impenjat ruħha li tiddefinixxi u ssegwi politiki komuni u azzjonijiet biex iżżomm il-paċi, tevita l-kunflitti, tikkonsolida r-rijabilitazzjoni wara l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali bi qbil mal-prinċipji tal-Karta tan-NU, kif ukoll biex tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tal-liġi internazzjonali, u biex tgħin lill-popolazzjonijiet li jkunu qed jiffaċjaw diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem;
2. Jirrimarka li s-sigurtà interna u dik esterna qed ikunu dejjem iktar marbuta ma' xulxin u li, bl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, prevenzjoni tal-kunflitti u politiki tal-konsolidazzjoni tal-paċi b'konformità mal-oġġettivi msemmija hawn fuq, l-UE tgħin ukoll biex tissalvagwardja s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha stess;
3. Jenfasizza li l-UE, prinċipalment permezz tal-ġestjoni tal-kriżi ċivili tagħha, toffri kontribut distint għas-sigurtà globali, li jirrifletti l-valuri u l-prinċipji bażiċi tagħha;
4. Jenfasizza li reazzjonijiet effettivi għall-kriżijiet tal-lum u t-theddiet għas-sigurtà, inklużi diżastri naturali, ta' sikwit għandhom ikunu jistgħu jiddependu kemm fuq il-kapaċitajiet ċivili u kemm fuq dawk militari u jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib bejn dawn; ifakkar li l-iżvilupp tal-approċċ komprensiv tal-UE u tal-kapaċitajiet kombinati ċivili u militari ta' ġestjoni ta' kriżijiet kienu karatteristiċi li jiddistingwu l-PSDK u jirrappreżentaw il-valur miżjud fundamentali tagħha; ifakkar fl-istess ħin li l-PSDK mhix l-uniku strument disponibbli u li l-missjonijiet tal-PSKD għandhom jintużaw bħala parti minn strateġija usa' tal-UE;
5. Ifakkar fil-hteġa ta' White Paper tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża, ibbażata fuq reviżjonijiet sistematiċi u rigorużi tas-sigurtà u tad-difiża magħmulin mill-Istati skont il-kriterji u skeda komuni, li tiddefinixxi l-oġġettivi ta' sigurtà u difiża u l-interessi u l-ħteġijiet tal-Unjoni b'mod aktar ċar b'rabta mal-mezzi u r-riżorsi disponibbli; jenfasizza li l-White Paper għandha wkoll tiddefinixxi l-oqsma fejn, u f'liema kundizzjonijiet, iktar kooperazzjoni ċivili-militari tkun mixtieqa sabiex tgħin fir-realizzazzjoni ta' dawk l-oġġettivi; Huwa tal-fehma li l-White Paper tal-UE għandha tidentifika b'mod espliċitu opportunitajiet għall-qsim ta' riżorsi fil-livell tal-UE, kif ukoll speċjalizzazzjoni nazzjonali u armonizzazzjoni tal-kapaċità sabiex jintlaħqu ekonomiji kbar skont l-iskala;

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0015.

<sup>2</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0061.

<sup>3</sup> ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

### *It-titjib tal-koordinazzjoni ċivili-militari*

6. Jenfasizza li l-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu jikkontribwixxi ulterjorment għall-iżvilupp ta' approċċ Ewropew verament komprensiv għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi u jipprovdi lill-UE bi strutturi, livelli ta' staff u riżorsi finanzjarji adegwati biex terfa' r-responsabilitajiet globali tagħha bi qbil mal-Karta tan-NU;
7. Jappoġġja bis-sħiħ it-trasferiment tal-istrutturi PSDK, inklużi d-Direttorat għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet u l-Ippjanar, il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija, l-Istaff Militari tal-UE u ċ-Ċentru ta' Sitwazzjonijiet, għas-SEAE, taħt l-awtorità u r-responsabilità diretti tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà; ifakkar fl-impenn li ttieħed mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli li tiżgura li dawn jaħdmu f'koperazzjoni mill-qrib u f'sinerġija mal-unitajiet rilevanti tal-Kummissjoni ttrasferiti lis-SEAE li jittrattaw l-ippjannar u l-ipprogrammar tar-rispons għall-kriżijiet, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tal-konsolidazzjoni tal-paċi; ihegġegħ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex jiżgura li dawn l-unitajiet jaħdmu fuq livell indaqs mal-istrutturi tal-PSDK; jenfasizza li mhu aċċettabbli l-ebda kontroll formali jew informali mill-istrutturi tal-PSDK fuq l-ippjanar jew l-ipprogrammar tal-miżuri ffinanzjati mill-Istrument għall-Istabbiltà u jinsisti li l-istrutturi ttrasferiti tal-Kummissjoni m'għandhomx jitneħħew;
8. Għall-finijiet tal-iżvilupp tal-approċċ komprensiv tal-UE, jinkoraġġixxi wkoll koordinazzjoni mill-qrib bejn is-SEAE u l-unitajiet kollha rilevanti li se jibqgħu fil-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk li jittrattaw l-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, il-protezzjoni ċivili u saħħa pubblika; jenfasizza l-hteieġa għal konnessjonijiet diretti bejn is-SEAE u l-aġenziji tal-PSKD, jiġifieri l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea, Istitut tal-UE għall-Istudji fuq is-Sigurtà, Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża u ċ-Ċentru Satellitari tal-UE;
9. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni (MIC) tal-Kummissjoni fil-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni għajnuna f'diżastri taħt il-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili u jenfasizza l-hteieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn iċ-ċentru u s-SEAE li għandha tiġi żgurata mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli fil-kapaċità tagħha bħala Viċi President tal-Kummissjoni; jitlob koordinazzjoni mtejbja u bġhit iktar rapidu tal-assi militari fil-kuntest tal-għajnuna f'każ ta' diżastri, b'mod partikolari l-kapaċitajiet tat-trasport tal-arja, ibbażata fuq l-esperjenza ta' Haiti u filwaqt li tiġi rrispettata n-natura primarjament ċivili tal-operazzjonijiet tal-għajnuna f'każ ta' diżastri; itenni t-talba tiegħu għal iktar titjib tal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili biex tkun stabbilita ġabra volontarju tal-assi tal-Istati Membri fuq stand-by għall-użu immedjat fl-operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri; jissuġġerixxi li dawn l-assi jiġu kkoordinati u skjerati f'isem Forza ta' Protezzjoni Ċivili tal-UE biex tiżdied il-viżibilità tal-azzjoni tal-UE; ifakkar fl-istess ħin fir-responsabilità individwali tal-Istati Membri għall-protezzjoni ċivili u l-miżuri ta' kontroll tad-diżastri;
10. Jargumenta wkoll favur koordinazzjoni mtejbja bejn l-aġenziji umanitarji tal-Istati Membri u d-DĠ ECHO għall-operazzjonijiet ta' għajnuna wara diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem;
11. Jitlob lill-Kunsill biex jadotta fil-pront id-deċiżjonijiet neċessarji biex tidħol fis-seħħ il-klawżola ta' assistenza reċiproka kif imniżżla fl-Artikolu 42(7) TUE kif ukoll il-klawżola

tas-solidarjetà kif imniżżla fl-Artikolu 222 tat-TFUE, li għandhom jirriflettu l-approċċ komprensiv tal-UE u jibnu fuq ir-riżorsi ċivili-militari;

12. Ifakkar fl-iżvilupp b'suċċess tas-Sħubija għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi bejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u li l-koperazzjoni tajba bejn organizzazzjonijiet mhux governattivi, tas-soċjetà ċivili u s-SEAE futur hija ta' importanza kruċjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar il-qafas għall-koperazzjoni mal-NGOs u tippromwovi l-użu ta' atturi mhux statali fl-attivitajiet tal-Unjoni ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' ġestjoni tal-kunflitti anke billi tinkludihom fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-UE;

#### *Livell strateġiku*

13. Fuq il-livell politiku-strateġiku, jilqa' l-integrazzjoni tal-elementi ċivili u militari ġewwa d-Direttorat għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet u l-Ippjanar (CMPD) bħala pass fid-direzzjoni t-tajba; jenfasizza, madankollu, l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-kapaċitajiet ta' ppjanar strateġiku ċivili u militari, mhux biss f'termini ta' numri, imma wkoll fir-rigward ta' ġerarkija, sabiex ikunu sfruttati bis-sħiħ is-sinerġiji disponibbli; Jenfasizza fl-istess ħin il-ħtieġa li jkunu rrispettati d-differenzi bejn ir-rwoli ċivili u militari u l-oġettivi distinti tagħhom u li jkun żgurat li taħlita xierqa ta' riżorsi umani tkun allokata għal kull operazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ;
14. B'mod partikulari, ihegġegħ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex tindirizza n-nuqqas ta' staff inkwantu esperti dwar l-iżvilupp tal-kapaċità ċivili u l-ippjanar tal-missjonijiet ċivili u biex tiżgura li s-CMPD jkollu numru suffiċjenti ta' esperti mill-oqsma kollha ta' kapaċità ċivili prijoritarji, jiġifieri l-amministrazzjoni tal-pulizija, tal-ġustizzja u ċivili, protezzjoni ċivili u monitoraġġ, kif ukoll fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
15. Jenfasizza l-bżonn, f'fażijiet ta' rutina, tal-iżvilupp ta' kuxjenza komuni tas-sitwazzjoni li tkun maqsuma mal-partijiet interessati kollha tal-UE (is-SEAE, imma wkoll l-unitajiet relevanti kollha mill-Kummissjoni: DG DEV, DG ECHO, DG SANCO, bl-appoġġ ta' kull wieħed mill-kapaċitajiet tal-valutazzjoni tal-kriżi tagħhom), li għandha tiġi riflessa fil-karti strateġiċi reġjonali jew nazzjonali kollha tal-UE; jenfasizza li d-delegazzjonijiet imsawra mill-ġdid tal-UE għandhom rwol ewlieni f'dan il-proċess;
16. Jitlob li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE u/jew ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE jkollhom rwol akbar - meta jkunu f'żona ta' kriżi - fl-isforzi ta' koordinazzjoni ċivili-militari, anke bil-għan li tiġi żgurata sorveljanza politika aktar stretta fil-kamp;

#### *Livell operattiv*

17. Fuq il-livell ta' ppjanar operattiv, jitlob għal tiżi sinifikanti tal-kapaċitajiet ċivili ta' ppjanar sabiex jiġu fl-istess livell tal-ambizzjonijiet tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK, permezz tal-konsolidazzjoni tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) fir-rigward tal-kwantità ta' staff kif ukoll permezz ta' tqassim aħjar tal-kompiti bejn il-livelli strateġiċi u operattivi; jenfasizza li t-tqassim tal-kompiti jeħtieġ li jkun ibbażat fuq strateġija bbilanċjata u komprensiva dwar l-istaff; huwa tal-fehma li fid-dawl tar-responsabilitajiet tal-Kmandant Ċivili tal-Operazzjonijiet, din il-funzjoni għandha titqiegħed f'livell xieraq (jiġifieri oġhla) fil-ġerarkija tas-SEAE;
18. Itenni t-talba tiegħu għat-twaqqif ta' kwartier ġenerali operattiv permanenti tal-UE,

responsabbli mill-ippjanar u t-tmexxija operattiva tal-operazzjonijiet militari tal-UE, biex jieħ u post is-sistema attwali tal-użu ta' wieħed mis-seba' kwartieri ġenerali disponibbli fuq bażi ad hoc; jenfasizza li mossja bħal din tiggerantixxi katina koerenti ta' kmand u żżid bil-kbir il-kapaċità tal-UE għal reazzjonijiet rapidi u konsistenti għall-kriżijiet (b'mod partikolari billi ttejjeb il-memorja istituzzjonali tal-UE) u wkoll tnaqqas l-ispejjeż;

19. Huwa tal-fehma li l-kwartieri ġenerali operattivi għandhom ikunu qrib is-CPCC sabiex ikunu sfruttati sal-massimu l-benefiċċji tal-koordinazzjoni ċivili-militari, inkluż il-pooling ta' ċerti funzjonijiet, sabiex ikunu promossi aħjar l-aqwa prattiki fost daww li jippjanaw f'isem l-UE; jissuġġerixxi wkoll li l-kwartieri operattivi u s-CPCC jistgħu jkunu integrati fi 'Kwartier Ġenerali Komuni tal-Ġestjoni ta' Kriżijiet' li jkun responsabbli mill-ippjanar u t-tmexxija operattivi tal-missjonijiet ċivili, tal-operazzjonijiet militari u tal-missjonijiet tar-riforma tas-settur tas-sigurtà kollha tal-UE;
20. Jenfasizza, madankollu, li għandhom jitqiesu kif dovut id-differenzi bejn l-ippjanar ċivili u dak militari u li għandhom jinżammu katini separati ta' kmand, bil-Kmandant Ċivili tal-Operazzjonijiet u l-Kmandant Militari tal-Operazzjonijiet iżommu l-kompetenzi tagħhom u jgawdu l-istess status ġerarkiku ġewwa s-AE;

#### *Il-bini tal-kapaċitajiet ċivili u militari tal-UE*

21. Jinnota l-għadd ta' impenji li hađu l-Istati Membri rigward l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet kemm tal-militar u kemm ċivili, mill-Kunsilli Ewropej ta' Helsinki u Santa Maria de Feira sad-dikjarazzjoni ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet; ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex jiżguraw li dawn l-impenji jkunu implimentati kif support sabiex jitnaqqas id-distakk kbir li hemm bejn il-kapaċitajiet operazzjonali eżistenti u l-għanijiet politiċi iddikjarati;
22. Fil-kuntest tas-segwitu tal-Objettivi Primarji 2010, jitlob lill-Istati Membri biex jikkonċentraw fuq it-twettiq b'mod konkret tal-kapaċitajiet u biex jiffukaw fuq l-oqsma bil-potenzjal ta' sinerġiji ċivili-militari, speċjalment daww diġà identifikati, sabiex jinkiseb progress ġenwin malajr kemm jista' jkun; jenfasizza l-ħtieġa li l-iżvilupp tal-kapaċità jkun iggwidat mill-ħtiġijiet speċifiċi tal-missjonijiet tal-PSKD; jilqa' l-Proċess għall-Iżvilupp tal-Kapaċità Komprensiva għal kapaċitajiet militari fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża; jinkoraġixxi iktar diskussjoni għandhom ikunu konnessi ż-żewġ proċessi ta' żvilupp tal-kapaċità taħt l-objettivi ewlenin ċivili u militari;
23. Jilqa' l-isforzi tal-Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill passati u attwali biex jibdew proċess immirat għall-kjarifika tan-natura u l-ambitu tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (KSP) kif imniżżel fl-Artikolu 42(6) TUE; jitlob lill-Kunsill biex jgħid, bla dewmien u b'mod ċar, x'inhil-konċezzjoni tiegħu tal-KSP, b'kunsiderazzjoni għan-natura ċivili-militari tal-approċċ komprensiv tal-UE, u biex iressaq miżuri konkreti dwar kif għandu jingħata bidu għall-KSP fid-dawl tal-kriżi finanzjarja attwali u t-tnaqqis fil-baġits tad-difiża nazzjonali fost l-Istati Membri tal-UE;

#### *Persunal għall-missjonijiet*

24. Fid-dawl tal-impenji politiċi li ttieħdu, jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod urġenti n-nuqqas kroniku fil-persunal ċivili fil-missjonijiet tal-PSDK, speċjalment fl-EULEX Kosovo u fl-EUPOL Afganistan, b'mod partikolari billi jżidu l-ħidma biex jistabbilixxu strateġiji nazzjonali biex ikun aktar faċli li jintbagħat persunal tal-

missjonijiet ċivili; iħeġġeġ biex, bħala parti minn dawn l-istrateġiji, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħall-ministeri tal-intern u l-ġustizzja, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ministri tad-difiża, jiżviluppaw approċċ iktar strutturat għall-kompitu tal-istipulazzjoni ta' kundizzjonijiet xierqa għall-parteċipazzjoni tal-persunal ċivili f'missjonijiet tal-PSDK, speċjalment inkwantu prospettivi ta' karriera u ħlas;

25. F'dan il-kuntest, jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw, b'mod partikulari, li l-parteċipazzjoni fil-missjonijiet tal-PSDK titqies bħala vantaġġ importanti għall-iżvilupp tal-karriera fis-sistema tal-pulizija u ta' ġustizzja tagħhom u li s-servizzi li jissekondaw ċivili għal dawn il-missjonijiet ikunu kkompensati kif xieraq għat-telf temporanju ta' persunal; huwa tal-fehma li l-Kunsill għandu jiżgura li r-rati per diem tal-persunal tal-missjonijiet tal-PSDK ikunu mfassla speċifikament għaċ-ċirkustanzi tal-missjoni inkwistjoni;
26. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 1325, li teħtieġ staff u approċċ ta' taħriġ ibbilanċjat fir-rigward tas-sessi għall-missjonijiet kollha u fokus fuq is-sessi fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu; jenfasizza li numru adegwat ta' nisa f'missjonijiet ċivili jew militari huwa kundizzjoni kruċjali għas-suċċess ta' daww il-missjonijiet, sew jekk tkun iż-żamma tal-paċi jew inkella operazzjonijiet tal-għajnuna f'każ ta' diżastri, kif ukoll f'medjazzjoni diplomatika bħala mezz li bih jiġi żgurat li l-bżonnijiet, id-drittijiet u l-interessi tan-nisa jiġu indirizzati kif suppost u biex jiġi żgurat l-involvement tan-nisa fl-azzjonijiet u l-objettivi tal-missjoni; ifakkar li l-Istati Membri tal-UE għandhom bżonn jiżviluppaw Pjanijiet ta' Azzjoni nazzjonali biex tiġi żgurata l-konformità mar-Riżoluzzjoni Nru 1325;

#### *Taħriġ*

27. Jenfasizza l-bżonn li jkun provdut taħriġ ta' qabel il-missjonijiet, li jista' jinkludi parteċipazzjoni mill-persunal ċivili fl-eżerċizzji militari, inklużi provi ta' kontinġenza, kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' persunal militari f'taħriġ u/jew eżerċizzji ċivili; jirrakkomanda bil-qawwa lill-Istati Membri biex iżommu rosters ta' ċivili b'kompetenzi rilevanti li jkunu jistgħu jintbagħtu, b'mod partikulari daww mħarrġa għall-missjonijiet mwettqa flimkien mal-qawwiet militari; jilqa' l-prattika ta' ċerti Stati Membri li jkollhom aġenzija ċentrali apposta responsabbli mir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal ċivili kollu li jista' jintbagħat għall-missjonijiet;
28. Jappoġġja l-iżvilupp mill-Kunsill tal-ambjent tas-software Goalkeeper biex jiffaċilita r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal għall-missjonijiet ċivili;
29. Ifakkar fil-Grupp Ewropew dwar it-Taħriġ iffinanzjat mill-Kummissjoni u jisħaq li waħda mit-tagħlimiet li ttieħdu hija li l-investment fit-taħriġ jeħtieġ li jkun marbut mal-bgħit fil-fatt ta' missjonijiet; jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-proġett li jmiss tat-taħriġ taċ-ċivili ffinanzjat mill-Istrument għall-Istabilità jkollu fil-mira esperti diġà identifikati biex fil-futur jintbagħtu fuq missjonijiet;
30. Jenfasizza, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-2008 tal-Kunsill, ir-rwol imsaħħaħ li għandu jkollu l-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) fil-qasam tal-bini tal-kapaċitajiet u tat-taħriġ għall-ġestjoni effikaċi tal-kriżijiet fid-dawl tat-twaqqif tas-SEAE; iħeġġeġ lill-Kunsill biex itejjeb il-faċilitajiet ta' taħriġ u persunal tal-KESD, anke billi jipprovdi kwartier ġenerali permanenti, sabiex jiggarrantixxi taħriġ sostenibbli u effettiv fil-livelli strateġiċi, operattivi u tattiċi għall-persunal ċivili u militari tal-Istati Membri u l-

istituzzjonijiet tal-UE; jitlob li jinħolqu boroż ta' studju għal gradwati żgħażaġh li jridu jispeċjalizzaw fl-oqsma meħtieġa;

31. Jitlob azzjoni preparatorja sabiex ikun żviluppat u mqiegħed għad-dispożizzjoni taħriġ dwar il-medjazzjoni u d-djalogu fid-dawl tal-istabbiliment tas-SEAE, f'konformità mal-Kunċett Ewropew dwar it-Tishiġ tal-Kapaċitajiet ta' Medjazzjoni u ta' Djalogu tal-UE' adottat mill-Kunsill fl-2009;

#### *Finanzjament rapidu*

32. Iħeġġeġ iktar sforzi biex jitħaffef l-għoti tal-finanzjament tal-missjonijiet ċivili u biex ikunu ssimplifikati l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni; jenfassizza l-ħtieġa li d-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni jaħdmu mill-qrib u bl-istess kundizzjonijiet mal-istrutturi tal-ġestjoni tal-kriżijiet fis-SEAE sabiex jippermettu bidu rapidu għall-finanzjament ta' missjonijiet ċivili; jitlob, għall-finijiet tat-trasparenza u r-responsabbiltà, li tkun stabbilita linja baġitarja waħda għal kull missjoni tal-PSDK;
33. Jistieden lill-Kunsill jieħu d-deċiżjonijiet xierqa malajr biex jiġi stabbilit il-fond inizjali kif imfisser fl-Artikolu 41 TUE, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tinforma lill-Parlament regolarment dwar is-sitwazzjoni attwali ladarba l-fond ikun stabbilit;

#### *Strumenti għall-ġestjoni ta' kriżijiet*

34. Jilqa' l-iżvilupp tal-kunċett ta' Unitajiet Integrati tal-Pulizija (IPUs), jiġifieri forzi b'saħħithom, flessibbli, interoperabbli li jistgħu jintbagħtu malajr u li kapaċi jwettqu ħidmiet eżekuttivi ta' infurzar tal-liġi, li, f'ċerti ċirkustanzi, jistgħu jintbagħtu wkoll bħala parti minn operazzjoni militari u taħt il-kmand militari; jinnota l-applikazzjoni b'suċċess ta' dan il-kunċett fil-Bosnja-Ħerzegovina bħala parti mill-EUFOR Althea u fil-Kosovo fil-qafas tal-EULEX; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' unitajiet bħal dawn, li huma partikolarment adatti biex jintervjenu f'sitwazzjonijiet mhux stabbilizzati u b'mod partikolari tul it-tranżizzjoni mill-kmand militari għal dak ċivili; jirrakkomanda lill-Istati Membri biex jinvestu fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet bħal dawn;
35. F'dak il-kuntest, jappoġġja bis-sħiħ l-użu tal-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea (EGF), li tista' titqiegħed taħt il-kmand militari jew ċivili u tipprova kapaċità li missjonijiet ta' spedizzjoni tal-pulizija jintbagħtu b'ħeffa, bħala għodda ferm adatta għal firxa ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi effikaċi, inklużi missjonijiet ta' stabilizzazzjoni ta' wara d-diżastri; jistieden lill-Istati Membri kollha li għandhom qawwiet tal-pulizija bi status militari biex jingħaqdu mal-inizjattiva;
36. Jilqa' l-progress li sar fl-iżvilupp tal-grupp ta' esperti għat-Timijiet Ċivili ta' Rispons (CRTs) biex jipprovdu kapaċità ta' evalwazzjoni rapida iżda jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li dawn il-listi jridu jikbru aktar; jenfasizza l-importanza ta' kapaċitajiet ta' evalwazzjoni bikrija u ta' aċċertazzjoni tal-fatti biex tingħata garanzija li l-UE twieġeb għall-kriżijiet bl-użu tal-aktar mezzi xierqa disponibbli;
37. Jisħaq fuq il-bżonn għall-UE li, fi żmien ta' kriżi, tkun kapaċi tibgħat timijiet multidixxiplinarji fl-ewwel ftit sigħat tal-kriżi, li jkunu magħmulin minn esperti ċivili, militari u ċivili-militari mis-SEAE u l-Kummissjoni;

38. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw fehim komuni tal-missjonijiet ġodda tal-PSDK kif imfisser fl-Artikolu 43 TUE u kif se jkunu ġestiti fil-kuntest tal-koperazzjoni ċivili-militari stabbilita; iħeġġiġhom, f'dan il-kuntest, biex iħaffu t-twaqqif ta' grupp ta' esperti fir-riforma tas-settur tas-sigurtà biex itejbu l-kapaċità tal-UE f'dan il-qasam;
39. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu ottimali mill-ġhodod eżistenti u biex idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' evalwazzjoni tal-impatt qabel jifformulaw għanijiet ambizzjużi ġodda;
40. Huwa konvint li l-gruppi tattiċi tal-UE jirrappreżentaw għodda xierqa għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi; itenni s-sejħa tiegħu lill-Kunsill biex dan iżid kemm kapaċi jużahom u l-flessibilità tagħhom; jitlob ukoll għat-titjib f'kemm dawn jistgħu jintużaw għall-operazzjonijiet ċivili-militari ta' għajnuna umanitarja, f'konformità sħiħa mal-linji gwida riveduti ta' Oslo għall-użu ta' riżorsi ta' difiża militari u ċivili għall-għajnuna f'każ ta' diżastri;
41. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jilħqu ftehim dwar l-espansjoni tal-kunċett ta' spejjeż komuni assoċjati mal-użu tal-gruppi tattiċi (l-ispejjeż għandhom ikunu ffinanzjati permezz tal-mekkaniżmu Athena), jew dwar il-finanzjament komuni tat-totalità tal-ispejjeż ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet imwettqa minnhom; huwa tal-fehma li tali ftehim huwa neċessarju sabiex l-użu tagħhom isir politikament u ekonomikament aċċettabbli u jkun żgurat li l-Istati Membri fuq stand-by ma jgorrux piż sproporzjonat, f'kuntest baġitarju diffiċli; ifakkar, f'dan ir-rigward, li f'Novembru 2009, il-Kunsill stieden lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) jelabora ideat dwar il-finanzjament ta' operazzjonijiet militari biex jiġu diskussi f'livell għoli fl-2010, iżda s'issa ma sar l-ebda progress;
42. Jistieden lill-Istati Membri biex iqisu l-gruppi tattiċi bħala sħubijiet għal perjodu ta' żmien twil u biex ma jxoljuhomx wara li l-perjodu ta' stand-by tagħhom ikun intemm, sabiex ir-riżorsi investiti fil-ħolqien tagħhom ma jinħlew; jitlob li dawn jiġu mħarrġa biex joperaw flimkien mal-bgħit taċ-ċivili; jissuġġerixxi anki li dawn jistgħu jinkludu fihom unitajiet ċivili jew ta' esperti, b'mod partikolari UIP;

#### ***L-għoti tal-mezzi għall-ġestjoni komprensiva tal-kriżijiet***

43. Jistieden lill-Istati Membri biex jistudjaw aktar l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' użu doppju għall-missjonijiet ċivili u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK, partikolarment il-kapaċitajiet ta' trasport, u biex jiżguraw l-interoperabbiltà fit-taħriġ u l-prattika, waqt li jużaw aħjar l-approċċi u l-kapaċitajiet eżistenti u l-interkonnessjoni tal-proċessi ta' iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili u militari fejn ikun xieraq;

#### ***Ir-riċerka u t-teknoloġija***

44. Jenfasizza li l-persunal militari u ċivili tal-UE se jkunu qed joperaw dejjem aktar flimkien u li huma fil-biċċa l-kbira esposti għall-istess theddidiet, bħal splussivi improvizzati, u fil-bżonn ta' kapaċitajiet komparabbli fl-oqsma bħat-trasport strateġiku u tattiku, appoġġ loġistiku, sistemi ta' komunikazzjoni u ta' ġbir u evalwazzjoni ta' informazzjoni, għajnuna medika, sigurtà u protezzjoni tal-forza, użu ta' kapaċitajiet spazjali, u vetturi mingħajr ekwipaġġ;



45. Jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi koordinat u stimulat l-investiment fit-teknoloġiji u l-kapaċitajiet ta' użu doppju, sabiex jitnaqqas malajr id-distakk fil-kapaċitajiet, waqt li jinħolqu sinerġiji u jingħata appoġġ għall-istandardizzazzjoni; ifakkar fir-rwol essenzjali li f'dan ir-rigward għandu jkollha l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, fil-proċess tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet fil-qasam tal-kapaċitajiet u wkoll fis-sinjallazzjoni tal-modi li bihom dawn il-kapaċitajiet għandhom jinqasmu, jinġabru flimkien jew jintlaħqu fost il-membri tal-Unjoni, sabiex ikunu pprovduti mezzi li jistgħu jintbagħtu għall-kondotta b'suċċess u sikura tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet tal-PSDK;
46. F'dak il-kuntest, jappoġġja t-twaqqif tal-Qafas Ewropew ta' Koperazzjoni fir-Riċerka dwar is-Sigurtà u d-Difiża biex tingħata garanzija ta' komplementarjetà u sinerġija bejn l-investiment fir-R&T għad-difiża u l-investiment fir-riċerka għat-tijib tas-sigurtà ċivili min-naħa tal-Kummissjoni skont il-Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka, pereżempju f'oqsma bħall-għarfien tas-sitwazzjoni fil-post, l-inġenji tal-ajru bla ekwipaġġ, is-sorveljanza marittima, il-ġlieda kontra apparat esplożiv improvviżat, is-sejbien ta' sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u splussivi (CBRNE) u l-protezzjoni kontribom, il-komunikazzjoni, ġbir ta' informazzjoni (intelligence), l-evalwazzjoni u t-trasferiment ta' data, u s-sigurtà ċibernetika;
47. Jinnota, madankollu, li din il-koperazzjoni m'għandhiex taqbeż dak li huwa meħtieġ fid-dawl tal-koperazzjoni ċivili-militari fl-oqsma taż-żamma tal-paċi, tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, tal-ġestjoni ta' kriżijiet u tal-għajnuna umanitarja;
48. Jilqa' d-dibattitu miftuħ tal-ministri tad-difiża tal-UE waqt il-laqgħa informali tagħgom f'Gent fit-23 u l-24 ta' Settembru 2010 rigward ir-riċerka dwar id-difiża Ewropea u l-valutazzjoni tagħhom tar-rwol tal-EDA kif imfisser fl-Artikolu 42(3) TUE;

#### *Il-forniment rapidu ta' tagħmir*

49. Jinkoraġġixxi aktar sforzi biex ikun żgurat li t-tagħmir kollu meħtieġ għall-attivitajiet ta' rispons rapidu għall-kriżijiet, kemm jekk ċivili kemm jekk militari, ikun faċilment disponibbli; jilqa' x-xogħol li qed isir fuq sistema ta' ġestjoni tal-inventarju għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex twettaq analiżi komprensiva tal-benefiċċju mill-ispejjeż biex ikunu ddeterminati l-aħjar soluzzjonijiet għal kull tip ta' tagħmir meħtieġ; huwa tal-fehma li, skont it-tip ta' tagħmir, trid tinstab l-aħjar kombinazzjoni ta' ħżin fil-livell tal-UE, ta' kuntratti ta' qafas, u ħażniet virtwali ta' tagħmir fil-pussess tal-Istati Membri;
50. Jilqa', f'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' maħżen temporanju ta' tagħmir ċivili fil-Bosnja-Ħerzegovina u jappella għal progress rapidu fit-twaqqif ta' maħżen permanenti sabiex l-UE tkun iktar ippreparata għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili;

#### *Koperazzjoni multinazzjonali*

51. Jinkoraġġixxi aktar progress fil-qasam tal-ġbir u l-qsim ta' riżorsi bħala mod kost effettiv biex jiżiedu l-ħiliet, ħtieġa dejjem aktar rilevanti f'żmien ta' awsterità tal-baġit; jilqa', b'mod partikulari, l-attivitajiet biex ikunu indirizzati l-lakuni fil-kapaċitajiet ta' trasport strateġiku bl-ajru, jiġifieri l-ħolqien, min-numru ta' Stati Membri, tal-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru (EATC), kif ukoll l-inizjattiva għall-Flotta Ewropea ta' Trasport bl-Ajru; iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex isegwu r-

rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u biex iħaffu x-xogħol biex jidentifikaw oqsma oħra li fihom għandhom japplikaw il-prinċipji ta' ġbir u qsim, inkluż il-qasam tat-taħriġ u l-appoġġ għall-missjonijiet; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposti għat-twaqqif ta' sezzjoni multinazzjonali tal-elikotteri fuq il-mudell tal-EATC biex tintuża kemm għall-ħidmiet ċivili kif ukoll għal dawk militari;

## ***Sħubijiet***

### *UE-NU*

52. Ifakkar li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandu r-responsabilità primarja għaż-żamma tal-paċi u l-istabilità internazzjonali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa għall-koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NU fil-qasam tal-ġestjoni ċivili u militari tal-kriżijiet, u b'mod partikolari fl-operazzjonijiet ta' għajjuna umanitarja fejn l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinament tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) ikollu r-rwol ewlieni; jistieden biex tali koperazzjoni tissaħħaħ b'mod partikolari fil-postijiet fejn organizzazzjoni għandha tiegħu fidejha r-responsabilità minn idejn l-oħra, speċjalment fid-dawl tal-esperjenza mħallta fil-Kosovo;
53. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jassiguraw li jagħmlu kontribuzzjonijiet adegwati għal missjonijiet tan-NU u li jikkontribwixxu b'mod ikkoordinat; jitlob lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill sabiex ikomplu jesploraw modi li bihom l-UE kollha kemm hi tista' tikkontribwixxi aħjar għall-isforzi mmexxija min-NU, pereżempju bit-tneđija ta' operazzjonijiet tal-UE ta' rispons rapidu li jservu 'ta' pont' jew 'over the horizon' jew billi jagħtu komponent tal-UE f'missjoni ikbar tan-NU;
54. Jitlob li jsir monitoraġġ aħjar tal-għajjuna tal-UE implimentata mill-organizzazzjonijiet tal-ONU skont ir-Rapport Speċjali Nru 15/2009 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

### *UE-NATO*

55. Jirrimarka li, peress li 21 mit-28 membru tan-NATO huma Stati Membri tal-UE, koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NATO hija ta' importanza vitali sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni fl-użu tal-kapaċitajiet militari meta ż-żewġ organizzazzjonijiet joperaw fl-istess żona, u dan bla ħsara għall-prinċipju ta' awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet u bir-rispett dovut għall-istatus ta' newtralità ta' wħud mill-Istati Membri tal-UE; itenni l-ħtieġa urġenti għas-soluzzjoni tal-problemi politiċi sottostanti li qed ixekklu l-koperazzjoni UE-NATO u jitlob l-implimentazzjoni sħiħa u iktar effettiva tal-arranġamenti 'Berlin Plus' sabiex iż-żewġ organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jintervjenu b'mod effettiv fi kriżijiet attwali u futuri;
56. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata l-istess livell ta' trasparenza u involviment lill-membri tan-NATO li mhumiex membri tal-UE u lill-membri tal-UE li mhumiex membri tan-NATO meta jitwettqu attivitajiet konġunti, kif enfasizzat fit-tielet kapitolu tar-Rapport 2020 tan-NATO ("Ir-Rapport Albright");
57. Jistieden lill-Istati Membri li huma membri tan-NATO biex jiżguraw li l-Kunċett Strateġiku ġdid tan-NATO ma jwassalx għal duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' sforzi fil-qasam tal-kapaċitajiet ċivili, li tista' toħloq iktar tensjoni fuq riżorsi diġà skarsi; huwa konvint li hu aħjar li n-NATO tkun tista' sserraħ fuq il-kapaċitajiet ċivili ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-UE u n-NU;

58. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-koperazzjoni UE-NATO iktar stretta fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u għall-konformità massima possibbli mal-istandards tan-NATO; iħeġġeġ iktar progress fl-isforzi komuni biex ikun indirizzat in-nuqqas ta' ħelikopters tat-trasport; jilqa' l-inizjattivi għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-UE u n-NATO biex jilqgħu kontra d-diżastri CBRN u l-mezzi splussivi improvizzati u biex jipprovdu għajjnuna medika bħala kwistjonijiet relevanti kemm għall-missjonijiet ċivili u kemm għal dawk militari;

*UE - OSKE - Unjoni Afrikana*

59. Jenfasizza l-ħtieġa ta' koperazzjoni eqreb bejn l-UE u l-OSKE u bejn l-UE u l-UA fl-oqsma operattivi partikolari tagħhom, filwaqt li jittejbu s-sistemi ta' twissija bikrija u li jkun żgurat l-iskambju tal-aħjar prattiki u għarfien espert fil-ġestjoni tal-kriżijiet;

o

o o

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Assemblea Parlamentari tan-NATO, kif ukoll lis-Segretarji Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tan-NATO.